TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 520/11/GZ

**Tiziana Taliana**

**vs**

**Rosanne Galea – Future Focus Ltd**

Illum 25 ta' Lulju 2012

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Dicembru, 2011 fejn ir-rikorrenti talbet rifuzjoni ta' sitt mitt Ewro (€600.00), rapprezentanti l-prezz li hallset ghal kors fuq 'childcare', minn liema kors hija ma ghaddietx mill-assignments necessarji.

Is-socjeta' ntimata pprezentat risposta bil-miktub ghal din it-talba, u attendiet ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda guramentata tas-socjeta' ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Hija qieghda titlob is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600.00) fuq kors tat-tfal, u dana minhabba li ghaliex ma qabzitx il-'pass mark' fl-ewwel u t-tieni 'assignments', is-socjeta' ntimata riedet tbiddlilha l-kors minn 'level 4' ghal 'level 3', meta bhala talba ghall-bidu tal-kors kienet biss ta' O'Level ta' l-Ingliz, 'pass mark 5' jew iktar.

Il-hinijiet li s-socjeta' ntimata riedet taghti lir-rikorrenti kienu hinijiet impossibli ghar-rikorrenti, u dana ghaliex hija kienet diga' rrangat mix-xoghol biex kull Sibt filghodu tkun libera minhabba l-lezzjonijiet. Peress illi ghalhekk dawn il-hinijiet ma kienux possibli ghar-rikorrenti, is-socjeta' ntimata rieditha tattendi l-kors xorta wahda, izda ma taghmel l-ebda assignments u fl-ahhar tas-

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

sena hija tiehu biss certifikat ta' l-attendenza. Ir-rikorrenti ma accettatx din l-offerta, pero' s-socjeta' ntimata ma rieditx ittiha l-flus lura, dejjem bl-iskuza tar-registration.

**Is-socjeta' ntimata ssottomettiet bil-miktub illi:-**

Ir-rikorrenti kienet applikat ghal kors 'CACHE level 3 Diploma for the childern and young people workforce'. Fuq l-applikazzjoni kien hemm miktub li d-depozitu ta' mitejn Ewro (€200.00) ma jistax jinghata lura jekk l-istudenta ma tkomplix l-kors. Ir-rikorrenti bdiet tattendi l-kors, izda meta pprezentat ix-xoghol tad-dar ('home work'), dan ma kienx tal-livell mehtieg.

Ghaldaqstant, kemm l-ghalliema taghha, u kemm id-direttrici ta' l-iskola, Mrs Galea, kelmu lir-rikorrenti dwar numru ta' alternattivi li r-rikorrenti setghat ghazlet minnhom. Dawn l-alternattivi kienu s-segwenti: 1. jew li terga' taghmel ix-xoghol u toqghod iktar attenta; 2. Jew li taqleb ghal kors inqas difficli u tara kif tmur fih; 3. Jew li tkompli l-kors, izda jekk ma tghaddix mill-assignments, tinghata 'certificate of attendance'.

Ir-rikorrenti ma accetat l-ebda wahda minn dawn l-alternattivi u ma baqghetx tattendi ghall-kors minn jedda.

Is-socjeta' ntimata ezebiet kopja ta' l-'application form' tar-rikorrenti, kopja tat-termini u l-kondizzjonijiet u kopja tas-CV tar-rikorrenti.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

Wara li sema' l-partijiet, it-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrenti, hija regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, billi stqarret illi hija kienet bdiet kors mas-socjeta' ntimata fl-2011 ghal 'Diploma CACHE level 3 Children and Yound People Workforce'. Is-socjeta' ntimata kienet qaltilha li kellha x'taqdef, minhabba li ma kenitx ghaddiet l-ewwel darba. Hija kienet talbet li tinghata l-flus lura, pero' s-socjeta' ntimata kienet irrfijutat.

Ir-rikorrenti ezebiet kopji ta' l-ircevuti li gew immarkati bhala Dok.TT1, Dok.TT2 u Dok.TT3; kopja tad-deskrizzjoni tal-kors li hija applikat ghalih, li giet immarkata bhala Dok.TT4; kopja ta' l-ittra minghand id-Dipartiment tal-Konsumatur li turi li s-socjeta' ntimata kienet qablet li tirrifuzaha, li giet immarkata bhala Dok.TT5; kopja tat-termini u l-kondizzjonijiet li giet immarkata bhala Dok.TT6; u kopja ta' email minghand is-socjeta' ntimata li turi l-offerta' da parti taghha lir-rikorrenti sabiex tattendi hinijiet ohra, li giet immarkata bhala Dok.TT7.

It-Tribunal jikkonsidra wkoll illi s-socjeta' ntimata fix-xhieda guramentata taghha regghat ikkonfermat il-verzjoni taghha bil-miktub, u ziedet tghid illi hija kienet lesta li taghti rifuzjoni lura lir-rikorrenti fi forma ta' 'credit', u li sa llum ir-rikorrenti ghadha rregistrata maghha u

ghalhekk jekk trid hija tista' tkompli l-kors. Stqarret ukoll illi minbarra hekk, jekk ir-rikorrenti tghaddi mill-'assignments', hija tkun tista' tiehu d-Diploma.

It-Tribunal josserva illi r-rikorrenti baqghet tinsisti illi hija riedet il-flus lura, u mhux fi forma ta' 'credit'. Baqghet tinsisti wkoll illi ma rieditx tibqa' tattendi l-kors.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, flimkien mal-fatt illi s-socjeta' ntimata ghamlet diversi attentati sabiex tghin lir-rikorrenti billi offrietilha diversi alternattivi, liema alternattivi r-rikorrenti ghazlet li tinjora kompletament, u flimkien mal-fatt ukoll illi s-socjeta' ntimata ma tista' qatt tinzamm responsabbli ghan-nuqqas da parte tar-rikorrenti (jew kwalunkwe student/a) li takkwista l-marki rikjesti u necessarji sabiex tghaddi mill-ezamijiet, qed jichad it-talba tar-rikorrenti, bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess rikorrenti.

**Avv. Gabrielle Zammit**
**Arbitru**